**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "FAGUMIT", għal prodotti fil-klassijiet 12 u 17.

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti.

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Fabryka Węży Gumowych i Tworzyw Sztucznych Fagumit Sp. z o.o.

*Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva nazzjonali li tinkludi l-element verbali "FAGUMIT", għal prodotti fil-klassi 17.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u trade mark iddikjarata invalida

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 53(1)(c), ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 8(4), tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [1], sa fejn il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell naqset milli tipproduċi provi legalment validi li juru li s-sinjal kummerċjali "FAGUMIT" huwa effettivament użat; ksur tal-Artikolu 53(1)(b), ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, sa fejn il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell effettivament iddikjarat li kienet qiegħda taqbel ma' reġistrazzjoni tad-dritt ta' trade mark għas-sinjal "FAGUMIT", kif ukoll ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, sa fejn fil-mument rilevanti tal-applikazzjoni tat-trade mark Komunitarja kkontestata ebda aġir *in mala fide* ma seta' jiġi imputat lir-rikorrenti.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2010 — Adamowski vs UASI — Fagumit (Fagumit)**

**(Kawża T-538/10)**

(2011/C 30/85)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ursula Adamowski (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. von Schultz, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Fabryka Węży Gumowych i Tworzyw Sztucznych Fagumit Sp. z o.o. (Wolbrom, il-Polonja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-3 ta' Settembru 2010, fil-Każ R 1003/2009-1;

— tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja Nru 3 093 226;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċeduri ta' kanċellazzjoni, ta' appell u ta' dan ir-rikors.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "Fagumit" għal prodotti fil-klassijiet 12 u 17

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Fabryka Węży Gumowych i Tworzyw Sztucznych Fagumit Sp. z o.o.

*Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva nazzjonali, li tinkludi l-element verbali "FAGUMIT", għal prodotti fil-klassi 17

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u trade mark ddikjarata invalida

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 53(1)(c) flimkien mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [1], għaliex il-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell naqset milli tippreżenta dokumenti validi, li minnhom jirriżulta użu effettiv tas-sinjal distintiv "FAGUMIT"; ksur tal-Artikolu 53(1)(b) flimkien mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għaliex il-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell effettivament tat il-kunsens tagħha għal reġistrazzjoni tad-drittijiet ta' trade mark taħt l-isem "FAGUMIT", kif ukoll ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, sa fejn ir-rikorrenti ma kellhiex tinżamm responsabili għal aġir *male fide* fil-mument li fih ippreżentat l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja kkontestata.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).